MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 61/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Nigel CAMILLERI [ID. Nru. 484672M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' sitt mija disgha u hamsin euro u tlieta u tmenin centezmu ta' euro [€659.83] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija disgha u hamsin euro tlieta u tmenin centezmu (€659.83) skont prospett hawn anness u mmarkat Dok. A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz televiziv, numru tal-kont A/C 80019011, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe mill-11 ta’ Settembru, 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnha mressqa fl-24 ta’ Frar, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“Illi l-esponenti qieghed jirrespingi l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici fil-fatt u fid-dritt u dan stante s-segwenti:

a. Fl-ewwel lok, skond rapprezentanti tas-socjeta attrici stess, l-ammont mitlub jirrigwardja xi kontijiet li s-socjeta attrici baghtet lill-esponenti bi zvista u minghajr ebda raguni valida, u dan wara li saret il-migration tas-sistemi tal-multiplus fuq dawk tal-GO p.l.c. F’dan il-kuntest jigi rilevat illi kull darba li kien jircievi dawn il-kontijiet, l-esponenti dejjem informa lis-socjeta attrici bihom u r-rapprezentant tas-socjeta attrici kull darba kienu fil-pront jiskuzaw ruhhom ghall-inkonvenjent. Minkejja dan, huwa baqa jircievi dawn il-kontijiet;

L-uniku servizz televiziv tas-socjeta attrici u/jew il-predecessuri taghha (Multiplus Limited) li ghalih kien abbonat l-esponenti qabel is-sena 2010 kien is-servizz tas-socjeta Multiplus Limited ghall-sena wahda, mis-16 ta’ Mejju, 2005 sal-15 ta’ Mejju, 2006 u kif skadiet dik is-sena, l-esponenti kien irritorna is-set top box u peress li ma kien hemm l-ebda kont pendenti, nghata lura minnufih l-ammont ta’ Lm67 li kien hallas bhala depositu fuq l-istess set top box;

L-ewwel darba li l-esponenti kien abbona ruhhu ghas-servizz televiziv tas-socjeta attrici (u cioe GO p.l.c.) kienet fis-sena 2010;

Ghalhekk huwa bil-wisq car illi ma hemm l-ebda ammont dovut mill-esponenti lis-socjeta attrici;

b. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk hemm ammont dovut lil Multiplus, kif indikat fil-prospett anness mat-talba tas-socjeta attrici, ma ngiebet l-ebda prova illi l-allegat kreditu ta' Multiplus Limited gie cedut lil GO p.l.c. u li l-esponenti gie notifikat b'din ic-cessjoni".

Ra l-verbal datat 10 ta' Dicembru, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija disgha u hamsin euro u tlieta u tmenin centezmu ta' euro [€659.83] minghand l-intimat u dan in konnessjoni ma servizz televiziv provdut mis-socjeta Multiplus Limited, l-awtur tas-socjeta rikorrenti. L-intimat da parti tieghu jghid li huwa ma kellu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti l-ghaliex, filwaqt li jammetti li huwa kien juza s-servizz provdut mill-Multiplus bejn is-16 ta' Mejju, 2005 u s-16 ta' Mejju, 2006, huwa kien irritorna lura s-*set top box* lill-addetti ta' l-istess socjeta u dawn da parti taghhom tawh lura s-somma ta' Lm67 mhollija mill-intimat bhala depositu ghall-istess *set top box*. Kieku kellu jhallas xi haga, jghid l-intimat, is-socjeta Multiplus Limited ma kienitx ser taghtih lura dawn il-flejjes. Oltre dan, huwa jghid li reggha abbona mas-socjeta rikorrenti ghas-servizz ta' televizjoni fis-sena 2010 u li kieku kien ghad fadallu jaghti xi haga lis-socjeta Multiplus Limited, kieku l-istess socjeta rikorrenti ma kienitx ser terga thallieh jabbona qabel ma jhallas kull ammont pendenti li kellu. Finalment, l-intimat ighid li s-socjeta rikorrenti ma resqet l-ebda prova li l-allegat kreditu gie cedut minn Multiplus Limited lis-socjeta rikorrenti kif trid il-ligi. It-Tribunal jifhem li l-intimat qieghed jirreferi ghall-artikolu tal-Kodici Civili.

2. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f'dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

i. **Paul Busuttil**, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti xehed li l-kont numru 80019011 jirreferi ghal servizz tat-televizjoni u fuqu ghad hemm bilanc ta' sitt mija disgha u hamsin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€659.83). Ix-xhud esebixxa kopja tal-kuntratt li l-intimat kien ghamel mas-socjeta Multiplus Limited (dok. PB1 a fol. 15) u qal li s-socjeta minnu rapprezentata kienet xtrat u akkwistat s-socjeta Multiplus Limited. Fil-fatt, huwa jghid li s-socjeta Multiplus Limited saret tifforma parti mis-socjeta rikorrenti fl-20 ta' Marzu, 2007.

Dwar il-kont pendenti tal-intimat, ix-xhud ighid li "*Il-konvenut diga kellu bilanc mal-Multiplus ta' mija u tmien liri Maltin u meta zzid kont iehor [ta'] sebgha u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu meta wiehed jikkonverti l-ewwel somma f'ewro u jghodd it-tieni somma jigi l-bilanc ta' mitejn wiehed u hamsin ewro u sebgha u hamsin centezmi ta' ewro li huwa d-debitu li gie trasferit mill-Multiplus ghal GO fid-19 ta' Lulju, 2007*" (fol. 13). Dan l-ammont, ighid ix-xhud, huwa dovut ghal servizz li pprovdiet is-socjeta Multiplus li hija l-awtur tas-socjeta rikorrenti. Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm xi skrittura jew kuntratt li permezz tieghu gie ndikat li l-kontijiet pendenti dovuti lill-Multiplus Limited gew assenjati lis-socjeta attrici, x-xhud qal li "*... meta sar il-bejgh tal-Multiplus lill-GO dan sar bil-bilanc pendenti li kien hemm fuq il-klijenti tal-Multiplus b'hekk is-socjeta attrici xtrat b'li kien hemm*" (fol. 14).

Sussegwentement, fl-20 ta' Marzu, 2007 is-socjeta rikorrenti kienet baghtet ittra lill-intimat fejn infurmatu li l-klijenti tal-Multiplus Limited, minhabba x-xiri li sar, gew klijenti tal-Go p.l.c.

Ghar-rigward tas-*set top box*, ix-xhud ighid li din kienet proprjeta tal-intimat l-ghaliex kienet inxtrat meta beda s-servizz u allura ma kellhux ghalfejn jirritorna l-istess *set top box* meta s-servizz gie terminat.

Mistoqsi jekk ghandux fil-file relattiv imnizzel li s-socjeta Multiplus Limited kienet tat lura s-somma ta’ sebgha u sittin liri Maltin (Lm67) lill-intimat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u zied ighid ukoll li “*... lanqas ma hemm indikat hekk fil-kuntratt originali u li gie mmarkat bhala Dok. PB1*” (fol. 14). Lanqas ma rrizulta li sar dan il-pagament lill-intimat mill-*History Sheet* li tezisti fil-*file* tas-socjeta rikorrenti, liema *History Sheet* giet immarkata bhala Dok. PB3. Meta gie mistoqsi jekk ghandux prova fil-*file* tieghu li l-intimat kien qieghed juza s-servizz bejn is-sena 2006 u 2008, ix-xhud wiegeb fin-negattiv, izda zied jghid li “*... lanqas ma ghandi termination form fil-file*” (fol. 14). “*L-uniku prova li ghandi*” jghid ix-xhud “*huwa li fl-4 ta’ Dicembru, 2008 il-kont gie mwaqqaf minhabba li ma kienx qieghed jithallas il-kont*” (fol. 14).

ii. **L-intimat** xehed fid-19 ta’ Settembru, 2012. Huwa qal li beda juza s-servizz tas-socjeta rikorrenti [Multiplus Limited] fis-16 ta’ Jannar, 2005. Fil-fatt huwa gharaf il-kopja iffirmata minnu tal-kuntratt li hemm esebit a fol. 15 tal-process. Il-kuntratt, ighid l-intimat, kien ghal zmien sena u wara li kienet ghaddiet is-sena, huwa ha l-kaxxa lura u wara li tnaqqas –ammont ta’ hmistax-il lira Maltin [Lm15] minn kont pendenti li kien hemm, huwa inghata s-somma ta’ sebgha u sittin liri Maltin [Lm67] mis-socjeta Multiplus Limited. Dak kien l-ahhar li sema’ minghand is-socjeta Multiplus Limited. Kien biss snin wara, jghid l-intimat, li huwa rcieva minghand is-socjeta rikorrenti odjerna li huwa kellhu jaghti “*... xi mijiet ta’ ewro bhala arretrati*” (fol. 19). Izid ighid li “*jiena kont cempilt lill-credit control taghhom u qaluli li kellhom icemplu wara ftit tal-granet fil-fatt hekk ghamlu u minn kellimni kien qalli illi kien hemm zball minn naha taghhom u qalli sabiex ma naghtix kas*” (fol. 19). Dan il-fatt kien qieghed jigri darba kull erba’/hames xhur u kull darba li l-intimat kien icempel lis-socjeta rikorrenti, l-addetti taghha kienu jghidulu “*biex ninsa kollox*” (fol. 19). Izid ighid li “*l-ahhar darba li rcevejt kienet fit-tmintax (18) ta’ April elfejn u hdax (2011)*” (fol. 19). Fil-fatt, l-intimat esebixxa ittra f’dan ir-rigward, li giet immarkata bhala dok. NC1 (fol. 21). Huwa reggha cempel lis-socjeta rikorrenti fil-25 ta’ April, 2011 u kellem lil certu David Bezzina. Sussegwentement ircieva l-karti tal-

proceduri odjerni. Meta rcieva dawn il-karti, huwa cempel lill-*credit control* tas-socjeta rikorrenti u staqsiehom biex ikellem lil David Bezzina, il-persuna, li skond l-intimat "*... kien qalli li jiena ma ghandi naghti xejn u li everything is sorted*" (fol. 19). L-intimat qal ukoll li fil-prezent, huwa juza "*... servizzi ohra tas-socjeta GO fil-fatt anke wara li kont irritornajt il-kaxxa tal-Mutliplus ergajt applikajt mal-istess socjeta u nghatajt servizz, applikajt fuq ismi s-servizz kellu jkun go l-istess indirizz fejn kien hemm is-servizz tal-Multiplus, dan kien ghal habta tal-elfejn u disgha (2009) elfejn u ghaxra (2010)*" (fol. 19-20).

In kontro-ezami, l-intimat ighid li huwa kien irritorna l-apparat fl-ufficini tal-Multiplus Limited gewwa Portomaso. Mistoqsi jekk kienx inghata ricevuta ta' l-affarijiet ritornati, huwa qal li "*mhux ircevuta kont inghatajt izda kont inghatajt kont ta' kemm kelli naghti u fuq dak l-istess kont naqsu l-bilanc tal-kaxxa tal-Multiplus u bid-differenza li kelli niehu. Jiena mbaghad sussegwentement kont ircevejt cekk minghand il-Multiplus*" (fol. 20).

Ikkunsidra;

3. Ic-cessjoni ta' krediti hi regolata mill-Artikoli 1469-1484 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Negozju li permezz tieghu l-kreditur (cedent) jittrasferixxi d-dritt tal-kreditu lil terz (ic-cessjonarju), u bhala negozju jidhol fil-kategorija ta' atti ta' aljenazzjoni.[1], L-awtur **C. Massimo Bianca** jghid hekk: "*la cessione ha per oggetto il trasferimento di un diritto di credito. Sotto questo riguardo il negozio si differenzia rispetto alla cessione del contratto, la quale ha per oggetto il trasferimento di un rapporto contrattuale a prestazioni non ancora eseguite, ossia la complessiva posizione di diritti ed obbligi scaturenti dal contratto. In quanto la cessione del contratto comporta la sostituzione della parte tenuta all' esecuzione del rapporto essa richiede il consenso della parte ceduta. Questo consenso non e' invece di regola necessario per la cessione del credito poiche il cedente aliena una semplice pretes*

[1] Diritto Civile Volum IV L'Obbligazione, pagna 571, Dott. A. Giuffre' Editore, 1993

*creditoria, e per il debitore ceduto e' normalmente indifferente eseguire la prestazione ad un nuovo avente diritto*".

4. Skond l-artikolu 1470 tal-Kap. 16 "*ic-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub*". Kitba li hi mehtiega mhux *ad probationem tantum izda ad solemnitatem*[2]. Fil-kawza fl-ismijiet **Mary Fenech et vs Carmelo Ellul et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Gunju, 1990 inghad illi "*Hija gurisprudenza ormai pacifika li **biex ikun hemm cessjoni ta' dritt**, inkluz anki d-dritt ta' inkwilinat, **jehtieg li c-cessjoni ssir bil-miktub***". Inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Rita Pirotta vs Simone Carbonaro** deciza fis-17 ta' Novembru, 2004 illi "*Gustament fuq dan il-punt l-ewwel Qorti rrilevat illi legalment ma setax kien hemm cessjoni vera u proprja tal-kirja in kwantu fis-sens strett tal-Kodici Civili jinsab kontemplat illi gjaladarba c-cessjoni hija bejgh ta' kreditu, ta' jedd jew ta' azzjoni (Artikolu 1469 tal-Kap. 16), dak il-Kodici jesigi "ad validitatem" li c-cessjoni ssir bil-miktub (Artikolu 1470 tal-Kap. 16), oltre li jrid ukoll ikun hemm korrispettiv li hu rekwizit essenzjali ta' kull xorta ta' bejgh u ta' assenjazzjoni*".

5. Paul Busuttil, l-addett tas-socjeta rikorrenti xehed li "*... meta sar il-bejgh tal-Multiplus lill-GO dan sar bil-bilanc pendenti li kien hemm fuq il-klijenti tal-Multiplus b'hekk is-socjeta attrici xtrat b'li kien hemm*" (fol. 14). Ghalhekk it-Tribunal jifhem li kien hemm da parti tas-socjeta Multiplus Limited cessjoni ta' jeddijiet ta' kreditu fil-konfront tas-socjeta rikorrenti. Pero ma tresqet l-ebda prova ta' cessjoni ta' kreditu da parti tas-socjeta rikorrenti ghajr ghall-ittra datata 20 ta' Marzu, 2007 immarkata bhala Dok. PB2 a fol. 16 tal-process, liema ittra hija ntitolata "*Multiplus ssir parti mill-Maltacom Group*". Minn din l-ittra jirrizulta li "*Ftit taz-zmien ilu l-Maltacom Group habbar ix-xiri ta' l-ishma kollha tal-kumpanija Mutliplus Ltd. Ix-xiri tal-Multiplus jaghmel parti mill-pjantijiet taghna biex nibqghu fuq quddiem fis-settur tat-telekomunikazzjoni*" (fol. 16).

---

[2] **Carmela Cassar vs Francesco Spiteri** App. Civ., 27 ta' Mejju, 1946 – Vol. XXXII/i/620;

Issa kif tghid u trid il-ligi, din l-ittra mhux bizzejjed biex it-Tribunal ikun konvint li tali cessjoni effettivament sehhet.

6. In oltre, anke bis-sahha ta' l-artikolu 1471 tal-Kap. 16 "*ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghat-terzi, jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b'att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent*". L-eccezzjoni ghal din ir-regola tinsab fl-artikolu 1473 tal-Kap. 16 li jghid "*it-taghrifa mhix mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-cessjoni*". Issa f'dan il-kaz, mill-provi jirrizuta li l-intimat qatt ma accetta tali cessjoni anzi dejjem cempel lill-*credit control* tas-socjeta rikorrenti u kien jistaqsi l-ghala s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tibghatlu l-ittri bit-talba ghal hlas meta huwa ma kellhu jaghti xejn. Dan il-fatt ma jistax jikkwalifika bhala accettazzjoni ghall-finijiet ta' l-artikolu 1473 tal-Kap. 16.

7. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob ukoll il-hlas ghal servizzi rezi minnha lill-intimat ghall-perjodu wara d-data meta hija akkwistat is-socjeta Multiplus Limited u cioe l-20 ta' Marzu, 2007. Dan il-perjodu huwa bejn id-9 ta' Awwissu, 2007 u l-4 ta' Dicembru, 2008 (ara dok. A a fol. 2). L-intimat ighid li huwa kien abbona ghal servizz ta' sena u fil-fatt imbaghad kien irritorna lura s-*set top box* lura gewwa l-ufficini tas-socjeta Multiplus Limited f'Portomaso u l-istess socjeta Multiplus Limited imbaghad baghtitlu cheque fl-ammont ta' sebgha u sittin liri Maltin [Lm67]. Kien biss fl-2009 li huwa reggha beda jutilizza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk l-intimat jsostni li bejn is-16 ta' Jannar, 2007 u meta reggha abbona ghas-servizzi televizi tas-socjeta rikorrenti, huwa ma kienx qieghed jaghmel minn ebda uzu ta' xi servizz provdut mis-socjeta Multiplus Limited. Meta Paul Busuttil gie mistoqsi jekk huwa ghandux xi prova li l-intimat kien qieghed jaghmel uzu mis-servizz tas-socjeta rikorrenti bejn l-2006 u l-2008, huwa wiegeb fin-negattiv, pero zied ighid li lanqas *termination form* ma ghandu. Is-servizz twaqqaf fl-4 ta' Dicembru, 2008 peress li ma kienx qieghed jithallas il-kont.

8. Mela allura l-kont ta' l-intimat kien maqsum fi tnejn. L-ewwel parti li hija ghal ammont ta' mitejn wiehed u hamsin euro u sebgha u hamsin centezmi ta' euro [€251.57c] li jkopri l-perjodu ta' qabel id-19 ta' Lulju, 2007 u t-tieni parti ghall-ammont ta' erba' mija u tmien euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro [€408.26] li jkopri l-perjodu ta' wara d-19 ta' Lulju, 2007.

9. Diga rajna li ghall-ewwel ammont ta' €251.57c s-socjeta rikorrenti ma kkonformatx ruhha mad-dispositiv ta' l-artikolu 1471 tal-Kodici Civili u ghaldaqstant ma tistax titlob minghand l-intimat dan l-ammont. Ghar-rigward tat-tieni ammont, it-Tribunal ma huwiex sodisfatt bil-provi mressqa mis-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward.

10. Inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[3].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[4].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-

[3] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;
[4] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[5].

11. It-Tribunal ma huwiex konvint, li l-intimat kien qieghed jaghmel uzu mis-servizz li s-socjeta rikorrenti tghid li kienet qeghda tipprovdi lilu. It-Tribunal huwa ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-versjoni moghtija mill-intimat u cioe li huwa kien mar fil-bidu ta' l-2007 gewwa l-ufficini tas-socjeta Multiplus Limited f'Portomaso u hemm irritorna lura s-*set top box* u imbaghad wara inghata cekk fl-ammont ta' Lm67.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa r-risposta ta' l-intimat safejn din hija kompatibbli ma dak hawn fuq riportat, qieghed jghaddi biex jichad it-talba tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

[5] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

---------------------------------TMIEM---------------------------------